# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**ILLUM, 25 TA' FRAR 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rik. Gur. 1179/2020**

**Julien Claudepierre, detentur tal-
Passaport Franciz bin-numru
18DK48214**

**vs.**

**In-Nutar Dottor Thomas Vella, detentur
Tal-karta ta' l-identita` numru 425488(M)**

## Il-Qorti:

**Rat ir-rikors guramentat ta' Julien Claudepierre** prezentat fid-9 ta' Dicembru, 2020 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

**I.** ILLI, permezz ta' kuntratt tal-10 ta' Gunju 2019 fl-atti tal-konvenut (**DOK: A**), l-attur xtara u akkwista, minghand YOLO Properties Limited (C 61093), il-*penthouse* internament immarkata bin-numru tlettax (13) u erbatax (14), formanti parti mill-blokk immarkat bl-ittra "B", u l-korp imsemmi "Jade Court", fi Triq il-Maghluq, Marsaskala, flimkien mal-*garage* internament immarkat bin-numru ghaxra (10), formanti parti mill-istess korp, kif ahjar deskritti fl-istess imsemmi kuntratt, u taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;

**II.** ILLI l-attur hallas, lill-konvenut, is-somma ta' dsatax-il elf, tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€19,325.00) - oltre l-ispejjez u d-drittijiet notarili - rapprezentanti taxxa mahduma skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti li kienet dovuta mill-istess attur bhala l-kompratur fuq il-kuntratt imsemmi, u dan sabiex tali taxxa tkun tista' tigi moghddija mill-istess konvenut lill-Kummissarju tat-Taxxi u konsegwentement ikun jista' jigi insinwat il-kuntratt tal-10 ta' Gunju 2019;

**III.** ILLI, xi zmien wara, l-attur gieh suspett illi l-kuntratt tal-10 ta' Gunju 2019 ma kienx gie debitament insinwat mill-konvenut, u ghalhekk ordna r-ricerki appoziti (**DOK: B**) li minnhom irrizulta li, effettivament, sal-21 ta' Dicembru 2019, il-kuntratt tal-10 ta' Gunju 2019 kien ghadu ma giex insinwat;

**IV.** ILLI, minn stharrig illi ghamel l-attur, irrizulta li l-konvenut qatt ma kien hallas, lill-Kummissarju tat-Taxxi, s-somma msemmija ta' €19,325.00 u, konsegwentement, qatt ma kien insinwa l-kuntratt tal-10 ta' Gunju 2019;

**V.** ILLI minkejja li l-konvenut gie interpellat permezz t'ittra legali tad-9 ta' Jannar 2020 (**DOK: C**), sabiex, fost ohrajn, huwa jhallas l-imsemmija somma ta' €19,325.00 lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex ikun

jista' jigi debitament insinwat dan il-kuntratt, l-istess konvenut baqa' inadempjenti minghand ebda raguni valida fil-ligi (**DOK: D**);

**VI.** ILLI, fic-cirkostanzi, l-attur ma kellu l-ebda alternattiva ohra ghajr illi jerga jhallas is-somma msemmija ta' €19,325.00 - din id-darba direttament lill-Kummissarju tat-Taxxi u tramite s-servizzi ta' Dr. Keith Francis German bhala n-Nutar tal-Gvern u l-konservatur tal-atti tal-konvenut - flimkien mas-somma ta' disgha mija u erbatax-il Ewro u hamsin centezmu (€914.50) lil Identity Malta rapprezentanti spejjez tal-insinwa inkluz tal-garanzija tal-pacifiku pussess, liema somma wkoll kienet diga thallset mill-attur lill-konvenut, flimkien ma' hamsin Ewro (€50.00) bhala spejjez amministrattivi tal-Ufficju tan-Nutar tal-Gvern (**DOK: E**), ghal total ta' ghoxrin elf mitejn u disgha u tmenin Ewro u hamsin centezmu (€20,289.50), u dan sabiex ikun jista' jigi debitament insinwat il-kuntratt tad-9 ta' Jannar 2020 (**DOK: F**);

**VII.** ILLI, ghal kull buon fini, l-attur jiddikjara illi, apparti s-somma totali msemmija ta' €20,289.50, huwa kellu jhallas ukoll is-somma ta' tlieta u tletin elf u erbgha u disghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€33,094.32) lill-Kummissarju tat-Taxxi, rapprezentanti t-taxxa li kienet dovuta minn YOLO Properties Limited (C 61093) bhala l-venditrici fuq il-kuntratt tal-10 ta' Gunju 2019 - u dan sabiex seta' jigi insinwat dan l-istess kuntratt - liema somma, madanakollu, ma tifformax il-meritu tal-kawza odjerna;

**VIII.** ILLI, sa fejn jaf l-attur, jezistu r-rekwiziti kollha tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex dan ir-rikors guramentat jigi deciz bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza, u dan billi l-hlas tas-somma kumplessiva ta' €20,289.50, dovuta mill-konvenut lill-attur, tikkwalifika bhala dejn illi huwa cert, likwidu, u li ghalaq, u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta' fatt, u billi, apparti minn hekk, sa fejn huwa maghruf mill-istess attur, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmija somma ta' €20,289.50;

**IX.** ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

GHALDAQSTANT jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:

**I.** TIPPROCEDI ghas-sentenza bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza, skond l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

**II.** TIDDIKJARA illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' ghoxrin elf mitejn u disa' u tmenin Ewro u hamsin centezmu (€20,289.50);

**III.** TIKKUNDANNA lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma msemmija ta' ghoxrin elf mitejn u disa' u tmenin Ewro u hamsin centezmu (€20,289.50);

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-29 ta' Mejju 2020 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur fil-konfront tal-konvenut skond il-ligi.

Rar illi l-konvenut gie debitament notifikat fit-30 ta' Dicembru 2020 bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smiegh izda naqas milli jidher ghall-udjenza tal-20 ta' Jannar 2021.

Semghat it-testimonjanza tal-attur fejn ikkonferma li fil-mori tal-kawza ma sar l-ebda pagament da parti tal-konvenut b'dan illi l-ammont kollu reklamat fir-rikors guramentat ghadu dovut.

Rat l-atti.

Ikkonsidrat;

Bhala punt ta' dritt appena huwa necessarju jinghad illi l-kontumacja ma hiex ammissjoni izda ghandha titqies bhala kontestazzjoni tat-talbiet attrici. Huwa ghalhekk fid-dover tal-attur illi fil-kontumacja tal-konvenut xorta jressaq il-provi rilevanti in sostenn tat-talbiet attrici tieghu.

Il-kopja tal-kuntratt tad-19 ta' Gunju 2019 (fol. 6) tikkonferma illi fuq dan il-kuntratt l-attur kien dovut ihallas is-somma ta' €19,325 bhala taxxa. Huwa ddikjara bil-gurament li tali somma ghaddiha lill-konvenut. L-ammonti l-ohra reklamati gew ukoll sodisfacentement ippruvati permezz tal-provvi dokumentarji konfermati bil-gurament tal-attur permezz tar-rikors guramentat tieghu.

Mill-provi dokumentarji pprezentati mill-attur jirrizulta illi fit-13 ta' Jannar 2020 l-avukat tal-konvenut kiteb lill-avukat tal-attur b'risposta ghal ittra precedenti, fejn informah illi l-konvenut stess kien mar l-Ghassa u rrapporta li kien ikkommetta reat kriminali u li sussegwentement kien gie mressaq b'arrest il-Qorti akkuzat b'misapproprjazzjoni aggravata.

Dan prattikament jammonta ghal xejn anqas minn ammissjoni.

Tqis ghalhekk illi l-premessi fir-rikors guramentat gew sodisfacenteent ippruvati u li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Tikkonsidra illi jezistu l-estremi sabiex il-kawza tinstema u tigi deciza bil-procedura sommarja stabbilita' fl-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi fil-kontumacja tal-konvenut;

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba, tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta’ ghoxrin elf mitejn u disa’ u tmenin Ewro u hamsin centezmu (€20,289.50);

3. Tilqa' t-tielet talba, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma msemmija ta’ ghoxrin elf mitejn u disa’ u tmenin Ewro u hamsin centezmu (€20,289.50);

Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-29 ta’ Mejju 2020 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
25 ta' Frar 2021

**Ruth Camilleri**

**Deputat Registratur**